# DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tad-29 ta' Awwissu 2013

## dwar l-ishma perċentwali tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew

## *(BĊE/2013/28)*

(2014/30/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, partikolarment l-Artikoli 29.4 u 29.3 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-kontribut tal-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) skont ir-raba' inċiż tal-Artikolu 46.2 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni BĊE/2013/17 tal-21 ta' Ġunju 2013 dwar l-ishma ta' persentaġġ tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew [1] stabbilixxiet, b'effett mill-1 ta' Lulju 2013 il-ponderazzjoni assenjata lil dawk il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) li kienu membri tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) fl-1 ta' Lulju 2013 fl-iskema tas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-BĊE (minn hawn 'il quddiem "il-ponderazzjoni tal-iskema tal-kapital" u "l-iskema tal-kapital" rispettivament).

(2) L-Artikolu 29.3 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-"Istatut tas-SEBĊ") jeħtieġ li l-ponderazzjoni tal-iskema tal-kapital tiġi aġġustata kull ħames snin wara l-istabbiliment tas-SEBĊ b'analoġija għad-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 29.1 tal-Istatut. Il-ponderazzjoni aġġustata tal-iskema tal-kapital tapplika b'effett mill-ewwel jum tas-sena wara dak meta jseħħ l-aġġustament.

(3) L-aħħar aġġustament tal-ponderazzjoni tal-iskema tal-kapital hija skont l-Artikolu 29.3 tal-Istatut tas-SEBĊ sar fl-2008 b'effett mill-1 ta' Jannar 2009 [2]. L-espansjoni sussegwenti tal-ponderazzjoni tal-iskema tal-kapital tal-BĊE saret skont l-Artikolu 48.3 tal-Istatut tas-SEBĊ bil-għan tal-adeżjoni ta' Stat Membru ġdid għall-Unjoni Ewropea [3].

(4) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/517/KE tal-15 ta' Lulju 2003, dwar id-dejta statistika li għandha tintuża għall-aġġustament tal-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew [4], il-Kummisjoni Ewropea pprovdiet lill-BĊE bid-dejta statistika li għandha tintuża fid-determinazzjoni tal-iskema tal-kapital aġġustata,

[1] ĠU L 187, 6.7.2013, p. 15.

[2] Deċiżjoni BĊE/2008/23 tat-12 ta' Diċembru 2008 dwar l-ishma ta' persentaġġ tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 21, 24.1.2009, p. 66).

[3] Deċiżjoni BĊE/2013/17 tal-21 ta' Ġunju 2013 dwar l-ishma ta' persentaġġ tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 187, 6.7.2013, p. 15).

[4] ĠU L 181, 19.7.2003, p. 43.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Tqarrib**

Fejn il-Kummissjoni Ewropea tipprovdi dejta statistika reveduta sabiex tintuża fl-aġġustament tal-iskema tal-kapital u l-figuri ma jlaħħqux il-100 %, id-differenza għandha tkun ikkumpensata kif ġej: (i) jekk it-total ikun ta' anqas minn 100 %, billi jizdied 0,0001 ta' punt perċentwali mal-izgħar sehem (ishma) f'ordni axxendenti sakemm jintlaħaq il-100 % ezatt, jew (ii) jekk it-total ikun ogħla minn 100 %, billi jitnaqqas 0,0001 ta' punt perċentwali f'ordni dixxendenti mill-akbar sehem (ishma) sakemm jintlaħaq eżattament il-100 %.

*Artikolu 2*

**Ponderazzjoni fl-iskema tal-kapital**

Il-ponderazzjoni assenjata lil kull BĊN fl-iskema tal-kapital deskritta fl-Artikolu 29 tal-Istatut tas-SEBĊ għandha tkun skont kif ġej b'effett mill-1 ta' Jannar 2014:

| | |
|---|---|
| Nationale Bank van België/Banque nationale de Belgique | 2,4778 % |
| Българска народна банка (Bank Nazzjonali Bulgaru) | 0,8590 % |
| Česká národní banka | 1,6075 % |
| Danmarks Nationalbank | 1,4873 % |
| Deutsche Bundesbank | 17,9973 % |
| Eesti Pank | 0,1928 % |
| Central Bank of Ireland | 1,1607 % |
| Bank of Greece | 2,0332 % |
| Banco de España | 8,8409 % |
| Banque de France | 14,1792 % |
| Hrvatska narodna banka | 0,6023 % |
| Banca d'Italia | 12,3108 % |
| Central Bank of Cyprus | 0,1513 % |
| Latvijas Banka | 0,2821 % |
| Lietuvos bankas | 0,4132 % |

| | |
|---|---|
| Banque centrale du Lussemburgu | 0,2030 % |
| Magyar Nemzeti Bank | 1,3798 % |
| Bank Ċentrali ta’ Malta | 0,0648 % |
| De Nederlandsche Bank | 4,0035 % |
| Oesterreichische Nationalbank | 1,9631 % |
| Narodowy Bank Polski | 5,1230 % |
| Banco de Portugal | 1,7434 % |
| Banca Națională a României | 2,6024 % |
| Banka Slovenije | 0,3455 % |
| Národná banka Slovenska | 0,7725 % |
| Suomen Pankki | 1,2564 % |
| Sveriges riksbank | 2,2729 % |
| Bank of England | 13,6743 % |

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ u revoka**

1. Din id-Deċizjoni tidħol fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 2014.

2. Id-Deċiżjoni BĊE/2013/17 hija mħassra b’effett mill-1 ta’ Jannar 2014.

3. Ir-referenzi għal Deċiżjoni BĊE/2013/17 għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Frankfurt am Main, id-29 ta’ Awwissu 2013.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI